# L-Għasfur fil-Bitħa tal-Palazz

WALLACE PH. GULIA

Ipespes, ipespes,
fil-ġnien tas-sultan,
ipespes, ipespes,
stħajjiltu ferħan.

la jpespes bil-ferħ,
la jpespes bin-niket;
ma nafx jekk jgħannix
għax irid, jew għax hekk...

biex taħseb trid ras,
li taf issib sewwa
fejn tasal w għaliex —
il-pizu m'għandux.

Kemm ħolm u kemm frugħa
fil-għanja t'għasfur,
għalik u għalija
la l-moħħ tagħna jdur

u jaqleb u jifhem
tal-bieraħ ta' llum,
u jorbot in-nisġa
tan-newba tal-jum.

Bħal warda li tgħaxxi
bil-fwieħa bil-lejl,
hekk l-għanja li tfisser
tal-hena il-kejl!

tal-pizu li jpespes
u jgħaddi s-sigħat
ipespes, ipespes,
taħt dell il-fergħat...

Stħajjil, stħajjil waħdu
il-lehma wil-ferħ,
stħajjil, stħajjil, fieragħ,
il-mija tas-serħ.



'Mma wkoll jekk il-milja
tal-għanja t'għasfur,
ma tfisser xejn għaqli
għax nieqsa mill-ħsieb,

o pespes fis-siġar
tal-ġnien tas-sultan.
o pespes, o pespes,
ħa nħossok ferħan!

Serraħni mit-toqol
tal-medda tal-ħsieb
w iftaħli ta' Mejju
it-tieqa w il-bieb!

Jekk l-għeja tal-ħajja
qatlitli ż-żgħożija
għanjietek mimlija
treġġagħha ġo fija!

Ipespes, ipespes,
fil-ġnien tas-sultan,
pespisli, għannili,
pespisli ferħan!

**21/v/'74**

# Għalik

Qalbi tixtieq li tħabbat
għalik,
u moħħi jrid li jedha
biss bik.
B'danakollu nħossni minnek
'il-bogħod
u l-mixja li twassalni
sa ħdejk
issir dejjem iżjed bil-mod.

**Joseph Sciberras.**